



Brussell, 17 ta' Frar 2020
(OR. en)

5807/20

LIMITE

CO EUR-PREP 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 u 27 ta' Marzu 2020) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

Fil-marġini tal-laqgħa ta' Marzu, il-membri tal-Kunsill Ewropew u r-Rappreżentant Għoli ser jiltaqgħu mal-Kapijiet ta' Stat tal-pajjiżi sħab tal-G5 tas-Saħel, fil-preżenza tal-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Fil-bidu tal-laqgħa, il-Membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li għandu l-Preżidenza tal-Kunsill għal sitt xhur ser jagħti ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew.

I. TISĦIĦ TAL-BAŻI EKONOMIKA

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni komprensiva dwar it-tisħiħ tal-bażi ekonomika tal-UE, iffokata fuq l-opportunitajiet offruti mit-trasformazzjoni diġitali u t-transizzjoni ekoloġika. Ser jipprovdi gwida dwar l-indirizzar tal-ostakli eżistenti fis-suq uniku, l-iżvilupp ta' politika industrijali li tħares 'il quddiem, u t-titjib tal-appoġġ għall-SMEs.

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden ukoll japprova l-gwida politika dwar il-prijoritajiet għall-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

II. SETTUR DIĠITALI

It-tiswir tat-trasformazzjoni diġitali huwa kruċjali biex jiġu żgurati d-demokrazija, is-sigurtà, il-mudell tas-suq soċjali u s-sostenibbiltà kompetittiva tal-Ewropa, kif ukoll it-tkabbir ekonomiku tagħha fil-ġejjieni. Il-Kunsill Ewropew ser jipprovdi gwida dwar id-direzzjoni ġenerali u l-prijoritajiet politiċi ta' politika diġitali li tħares 'il quddiem, inkluż fl-oqsma tal-5G, l-intelliġenza artifiċjali u d-data.

III. TKABBIR

F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2019, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tat-tkabbir.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina qabel is-summit UE-Ċina u l-laqgħa bejn il-Mexxejja tal-UE u taċ-Ċina.

Ser jivvaluta wkoll l-eżitu tas-summit tal-UE mal-Indja tat-13 ta' Marzu, u ser ikollu skambju ta' fehmiet dwar it-tħejjijiet għas-Summit tal-Balkani tal-Punent li ser isir f'Zagreb f'Mejju.

Fid-dawl ta' dak li jkun għaddej, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.

V. PUNTI OĦRA

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden japprova l-linji gwida strateġiċi ġodda fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.
